MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 105/2013

**Michael Portelli**

**vs**

**Miriam Ciantar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Miriam Ciantar nhar id-9 ta' April 2013 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn iddikjaraw:

*"Illi dan huwa rikors ghal revoka contrario imperio tad-digriet tat-18 ta' Frar 2013 fejn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba ta' Michael Portelli ghall-hrug ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju bin-numru 365/2013MB bla elevazzjoni.*

*Illi sussegwentement intalbet l-elevazzjoni u filfatt l-esponenti giet iffaccjata b'marixxalli tal-Qorti li marru fil-*

*fond fejn tabita r-rikorrenti sabiex jelevaw l-oggetti li nqabdu bl-imsemmi mandat.*

*Illi l-esponenti qieghda taghmel dan ir-rikors sabiex titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka contrario imperio d-digriet tat-18 ta' Frar 2013 u fin-nuqqas titlob din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha twaqqaf lil Michael Portelli milli jezegwixxi l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda permezz tal-Mandat ta' Qbid li jgib in-numru 365/2013MB u dan ai termini tal-**Artikoli 289(2) tal-Kapitolu 12** u **l-Artikoli 293(1)(a) tal-Kapitolu 12.***

*Illi permezz tal-imsemmi mandat gew maqbuda l-affarijiet kollha li kellha r-rikorrenti fir-residenza fejn tabita, liema affarijiet kif jidher mill-annessa lista li tiddeskrivihom, annessa u mmarkata Dokument MC1, huma affarijiet normali mehtiega f'dar medja ghal ghajxien dicenti sabiex tinzamm id-dinjita' tad-debitrici u l-familja taghha.*

*Illi oltre dan l-**Artikolu 293(1)(a)** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li 'M'humiex suggetti ghal qbid: (a) l-ilbies ta' kuljum, is-sodda u dawk l-affarijiet tal-kcina u l-ghamara li jitqiesu ragonevolment mehtiega ghall-ghajxien b'mod decenti tad-debitur u tal-familja tieghu;'*

*Illi in oltre l-**Artikolu 289(2) tal-Kapitolu 12** jghid li: 'd-debitur jista' jithalla juza jew jibqa' jzomm pussess ta' dawk l-oggetti minn fost il-hwejjeg maqbuda li l-qorti tista' tawtorizza jekk tqis li dawk l-oggetti huma normalment mehtiega f'dar medja ghal ghajxien decenti sabiex tinzamm id-dinjita'  umana tad-debitur u tal-familja tieghu.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghda, umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:*

*a) Tirrevoka contrario imperio d-digriet tat-18 ta' Frar 2013 u dana peress illi l-affarijiet bih maqbuda huma lkoll affarijiet li jitqiesu ragonevolment mehtiega ghall-ghajxien b'mod decenti tad-debitrici u tal-familja taghha u dan ai termini tal-**Artikolu 293(1)(a) tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta.*

*b) Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex ai termini tal-**Artikolu 289(2) tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta, tithalla tuza jew tibqa' zzomm pussess ta' dawk l-oggetti l-ohra msemmija fil-mandat li huma lkoll oggetti li huma normalment mehtiega f'dar medja ghal ghajxien decenti sabiex tinzamm id-dinjita' umana tad-debitur u l-familja tieghu, u dan taht dawk l-ordnijiet u provvediment li joghgobha tiprefiggi."*

*Rat ir-risposta tal-intimat Michael Portelli kif pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' April 2013 fejn eccepixxa:*

*"Illi fl-ewwel lok, l-esponent jirrileva illi certament l-oggetti maqbuda mill-Marixxall tal-Qorti mhumiex kollha oggetti li huma indispensabbli jew mehtiega ghall-ghixien b'mod decenti tar-rikorrenti jew tal-familja taghha.*

*Illi l-esponenti jirrileva wkoll illi jekk l-esponenti toffri forma ohra ta' garanzija alternattiva in kawtela tal-pretenzjoni dedotta minnu f'kawza li tresqet kontestwalment mal-Mandat ta' Qbid, l-esponent lest li jressaq il-kontro-mandat relattiv biex iwaqqa' l-Mandat ta' Qbid su indikat.*

*Li finalment l-esponent jirrileva wkoll illi minn informazzjoni diversa li huwa gabar, huwa a konoxxenza tal-fatt illi l-intimata ser titlaq mill-gzejjer Maltin u tmur tghix fl-esterju b'mod permanenti fejn allura l-argument mressaq minnha u cioe' li l-oggetti maqbuda huma mehtiega kollha ghall-ghixien taghha jkompli jixxejjen.*

*Illi certament allura l-Mandat ta' Qbid mhuwiex jippregudika bl-ebda mod l-ghixien decenti tal-intimata."*

Ghaldaqstant talab lil din l-Onorabbli Qorti tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti fejn talbet li d-digriet tat-18 ta' Frar 2013 jigi revokat contrario imperio ghar-ragunijiet su indikati u tichad ukoll it-tieni talba taghha stante li l-oggetti maqbuda m'humiex lkoll mehtiega ghall-ghixien decenti taghha.

Rat illi ghalkemm din il-Qorti zammet tliet seduti in fila, ir-rikorrenti u l-avukat taghha ma dehrux.

Semghet lill-intimat Michael Portelli jixhed fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013 fejn ikkonferma bil-gurament tieghu illi minn informazzjoni li nghata, ir-rikorrenti ser titlaq minn Malta b'mod permanenti f'Awwissu li gej u li in effetti z-zewg uliedha diga' bdew jghixu ma' missierhom u inoltre il-fond residenzjali taghha gewwa H'Attard jinsab abbandunat u fi stat li m'huwiex aktar abitabbli.

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti ma resqet l-ebda prova sabiex tikkonferma dak iddikjarat minna fir-rikors promotur u lanqas prova sabiex tikkontradici dak li qed jeccepixxi l-intimat u li sussegwentement xehed dwaru l-Qorti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u tichad it-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi qieghda tordna illi l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 365/13 MB jibqa' in vigore.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati in toto mir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------